

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-2 ta' May 2019 — Il-Kummissjoni Ewropea
vs Ir-Repubblika tal-Kroazja**

(Kawża C-250/18) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2008/98/KE — Trattament tal-iskart — Artikolu 5(1) — Massa ta' ġebel li ma tissodisfax il-kunċett ta' "prodott sekondarju" — Artikolu 13 — Obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent — Artikolu 15(1) — Obbligu li l-iskart jiġi ttrattat mid-detentur tiegħu jew minn persuni oħra maħtura)

(2019/C 220/11)

Lingwa tal-kawża: il-Kroat

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Mataija, F. Thiran u E. Sanfrutos Cano, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Kroazja (rappreżentanti: T. Galli u M. Vidović, aġenti)

Dispożittiv

- 1) Billi ma kkonstatatx li l-massa ta' ġebel mibgħuta għar-rimi f'Biljane Donje (il-Kroazja) hija skart, u mhux prodott sekondarju, u hemm lok li tiġi ġestita bħala skart, ir-Repubblika ta' Kroazja naqset mill-obbligi tagħha bis-saħħa tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi;

Billi ma ħaditx il-miżuri kollha neċċesarji biex tiżgura li l-ġestjoni tal-iskart mibgħut għar-rimi f'Biljane Donje jsir mingħajr ma titqiegħed fil-periklu s-saħħa tal-bniedem u mingħajr ma ssir ħsara għall-ambjent, ir-Repubblika ta' Kroazja naqset mill-obbligi tagħha bis-saħħa tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/98.

Billi ma ħaditx il-miżuri neċċesarji biex tiżgura li d-detentur tal-iskart mibgħut għar-rimi f'Biljane Donje jittratta l-iskart huwa stess jew li jiġi ttrattat minn negozjant, stabbiliment jew impriżza li jeftettwa tranżizzjonijiet ta' trattament tal-iskart jew minn kollettur pubbliku jew privat tal-iskart, ir-Repubblika ta' Kroazja naqset mill-obbligi tagħha bis-saħħa tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2008/98.

- 2) Ir-Repubblika ta' Kroazja hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 200, 11.6.2018.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-2 ta' Mejju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de lo Mercantil no 3 de Madrid — Spanja) — Sociedad Estatal Correos y Telégrafos SA vs Asendia Spain SLU

(Kawża C-259/18) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 97/67/KE — Regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali — Provvista tas-servizz postali universali — Drittijiet esklużivi tal-operatur innominat — Ħruġ ta' mezz ta' postagġġ minbarra bolol)

(2019/C 220/12)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado de lo Mercantil nº 3 de Madrid

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Sociedad Estatal Correos y Telégrafos SA

Konvenuta: Asendia Spain SLU

Dispożittiv

L-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz, kif emendata bid-Direttiva 2008/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tiggarrantixxi lill-operatur innominat għall-provvista tas-servizz postali universali dritt eskużiġ għad-distribuzzjoni ta' mezzi ta' postaġġ minbarra l-bolol postali.

(⁽¹⁾) ĠU C 221, 25.6.2018.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tat-2 ta' Mejju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Lietuvos vyriausiasis administracini teismas — il-Litwanja) — Valstybinē mokesċiū inspekcija prie Lietuvos Respublikos finansu ministerijos vs Akvilé Jarmuškiené

(Kawża C-265/18) (⁽¹⁾)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fiskali — Sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) — Direttiva 2006/112/KE — Skema partikolari għall-impriżi żgħar — Artikoli 282 sa 292 — Eżenzjoni mill-VAT għall-impriżi żgħar li d-dħul mill-bejgħ annwali tagħhom huwa inqas mil-livell stabilit — Kunsinna simultanja ta' żewġ proprjetajiet immobblu permezz ta' tranżazzjoni waħda — Qbiż tal-limitu annwali tad-ħħul mill-bejgħ fid-dawl tal-prezz tal-bejgħ ta' waħda miż-żewġ proprjetajiet — Obbligu li titħallas it-taxxa fuq il-valur totali tat-tranżazzjoni)

(2019/C 220/13)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Qorti tar-rinviju

Lietuvos vyriausiasis administracini teismas

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Valstybinē mokesċiū inspekcija prie Lietuvos Respublikos finansu ministerijos

Konvenuta: Akvilé Jarmuškiené